| Marka totali |
|---|
| 20 |

SKOLA THERESA NUZZO

**EŻAMIJIET ANNWALI 2018**

| **Ir-raba' sena** | **MALTI - Il-Fehim mis-Smiegħ** | **Ħin: tletin minuta** |
|---|---|---|

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami għall-Istudenti.**

Ir-Riżorsi:

1. It-test li jinqara.

2. Il-karti tal-mistoqsijiet.

3. Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:

| | |
|---|---|
| 1. Se jinqralhom it-test tal-istorja. | 4 minuti |
| 2. Se jinqrawlhom il-mistoqsijiet mogħtija għal darba biss. | 4 minuti |
| 3. Se jinqralhom it-test tal-istorja għat-tieni darba. | 4 minuti |
| 4. Iwieġbu l-mistoqsijiet. | 8 minuti |
| 5. Se jinqralhom it-test tal-istorja għat-tielet darba waqt li jistgħu jwieġbu l-mistoqsijiet. | 4 minuti |
| 6. Jistgħu jiċċekkjaw it-tweġibiet kollha u jkunu ċerti li mmarkaw waħda biss. | 6 minuti |

# Il-Familja ta' Karmenu

Id-dar ta' Karmenu kienet waħda mill-aħjar li kien hemm fir-raħal, mhux għall-kobor u lanqas għall-għamara li kien hemm fiha, iżda għall-imħabba u l-ġabra li għalihom kienet imsemmija minn kulħadd. Id-dar fiha nfisha kellha xi ħaġa li tiġbdek, għax għad li ftit kienet imżejna b'purtieri u b'għamara, kellha kull ħaġa f'postha u kienet miżmuma nadifa daqs xummiema. Dan ma setax jonqos, għax Rita, mart Karmenu, ħsiebha kien biss fid-dar u f'binhom Wistinu li issa kien laħaq l-erba' snin.

Karmenu kienu jaħdem minn filgħodu sa filgħaxija u sadanittant Rita kienet issib x'tagħmel il-ħin kollu: issa b'idejha fl-ilma taħsel il-ħwejjeġ, u issa quddiem il-forn issajjar; daqqa taraha b'xi biċċa drapp f'idejha tħit għal Wistinu, u drabi oħra ddur kull rokna biex tfarfar u żżomm id-dar nadifa tazza kif tħobb hi.

Wistinu kien idur mal-kmamar wara Rita, b'xi ċarruta f'idu taparsi jfarfar, jew inkella jwaħħal il-labar li twarrab ommu bħallikieku qiegħed iħit. Ma' tfal oħra, Rita ma ħallietu jagħmilha qatt, u Wistinu lanqas kien ifittex ħbieb. L-għaxqa tiegħu kienet jilgħab m'ommu u ommu tieħu gost bil-mistoqsijiet ta' tfal li kien iħobb jagħmlilha.

Meta Rita kienet tmur il-ħanut biex tixtri l-bżonnijiet tad-dar, il-ġirien nisa kienu jitgħaxxqu biha għax jarawha hekk bieżla. L-ommijiet kienu jsemmu lil Wistinu meta wliedhom kienu jġibu ruħhom ħażin u jhedduhom li jibdluhom miegħu.

**Wieġeb skond l-istorja:**

**A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha.**

1. Id-dar ta' Karmenu kienet

a.) abbandunata.

b.) miżmuma tajjeb.

ċ.) lussuża.

2. Din id-dar tinsab

a.) f'belt.

b.) f'raħal.

ċ.) fil-kampanja.

3. Il-mara ta' Karmenu kien jisimha

a.) Marija.

b.) Frida.

ċ.) Rita.

4. It-tifel tagħhom Wistinu għandu

a.) tliet snin.

b.) erba' snin.

ċ.) ħames snin.

5. Il-mara ta' Karmenu kienet

a.) taħdem f'uffiċċju.

b.) mara tad-dar.

ċ.) għalliema.

6. Wistinu kien iħobb jilgħab

a.) mal-ħbieb.

b.) waħdu.

ċ.) m'ommu.

7. Wistinu kien tifel

a.) jirrispondi.

b.) isaqsi ħafna mistoqsijiet.

ċ.) ardit.

8. Il-mara ta' Karmenu kienet tħobb tħit

a.) għaliha nnifisha.

b.) għal Wistinu.

ċ.) għal Karmenu.

9. Il-ġirien nisa kienu jitgħaxxqu b'Rita

a.) għax kienet tħobb tiftaħar.

b.) għax kienet bieżla.

ċ.) għax kienet gustuża.

10. Il-ġirien kienu jgħidu lil uliedhom li

a.) se jadottaw lil Wistinu.

b.) se jibdluhom ma' Wistinu.

ċ.) se jrabbu lil Wistinu.

## B. Imla l-vojt b'Veru jew Falz.

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Fid-dar ta' Karmenu kien hemm ħafna mħabba. | | |
| 2. Din id-dar kienet maħmuġa u mitluqa. | | |
| 3. Rita u Karmenu kellhom tliet ulied. | | |
| 4. Karmenu kien jaħdem minn filgħodu sa filgħaxija. | | |
| 5. Rita ma kinitx tħobb tagħmel il-faċendi. | | |
| 6. Wistinu kien tifel imqareb ħafna. | | |

## Ċ. Imla l-vojt bi kliem li smajt fl-istorja.

1. Id-dar ta' Karmenu kienet miżmuma nadifa daqs ______________________.
2. Rita kienet issib x'tagħmel il-ħin kollu: issa b'idejha fl-ilma taħsel il-______________, u issa quddiem il-forn ______________.
3. Rita kienet tmur il-ħanut biex tixtri l-________________ tad-dar.

**TMIEM IL-KARTA**

Marka totali

___

20

SKOLA THERESA NUZZO

**EŻAMIJIET ANNWALI 2018**

| | | |
|---|---|---|
| **Ir-raba' sena** | **Malti IL-Fehim mis-Smigħ** | **Ħin: tletin minuta** |
| | **Karta tal-istudenti** | |

**Isem:**______________________________

## Gwida

1. Se jinqralek it-test tal-istorja.
2. Se jinqrawlek il-mistoqsijiet mogħtija għal darba biss.
3. Se jinqralek it-test tal-istorja għat-tieni darba.
4. Twieġeb il-mistoqsijiet.
5. Se jinqralek it-test tal-istorja għat-tielet darba waqt li tista' twieġeb il-mistoqsijiet.
6. Tista' tiċċekkja t-tweġibiet kollha u kun ċert li mmarkajt waħda biss.

**Wieġeb skond l-istorja:**

**A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha.**

1. Id-dar ta' Karmenu kienet

a.) abbandunata.

b.) miżmuma tajjeb.

ċ.) lussuża.

2. Din id-dar tinsab

a.) f'belt.

b.) f'raħal.

ċ.) fil-kampanja.

3. Il-mara ta' Karmenu kien jisimha

a.) Marija.

b.) Frida.

ċ.) Rita.

4. It-tifel tagħhom Wistinu għandu

a.) tliet snin.

b.) erba' snin.

ċ.) ħames snin.

5. Il-mara ta' Karmenu kienet

a.) taħdem f'uffiċċju.

b.) mara tad-dar.

ċ.) għalliema.

6. Wistinu kien iħobb jilgħab

a.) mal-ħbieb.

b.) waħdu.

ċ.) m'ommu.

7. Wistinu kien tifel

a.) jirrispondi.

b.) isaqsi ħafna mistoqsijiet.

ċ.) ardit.

8. Il-mara ta' Karmenu kienet tħobb tħit

a.) għaliha nnifisha.

b.) għal Wistinu.

ċ.) għal Karmenu.

9. Il-ġirien nisa kienu jitgħaxxqu b'Rita

a.) għax kienet tħobb tiftaħar.

b.) għax kienet bieżla.

ċ.) għax kienet gustuża.

10. Il-ġirien kienu jgħidu lil uliedhom li

a.) se jadottaw lil Wistinu.

b.) se jibdluhom ma' Wistinu.

ċ.) se jrabbu lil Wistinu.

## B. Imla l-vojt b'Veru jew Falz.

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Fid-dar ta' Karmenu kien hemm ħafna mħabba. | | |
| 2. Din id-dar kienet maħmuġa u mitluqa. | | |
| 3. Rita u Karmenu kellhom tliet ulied. | | |
| 4. Karmenu kien jaħdem minn filgħodu sa filgħaxija. | | |
| 5. Rita ma kinitx tħobb tagħmel il-faċendi. | | |
| 6. Wistinu kien tifel imqareb ħafna. | | |

## Ċ. Imla l-vojt bi kliem li smajt fl-istorja.

1. Id-dar ta' Karmenu kienet miżmuma nadifa daqs ________________________.
2. Rita kienet issib x'tagħmel il-ħin kollu: issa b'idejha fl-ilma taħsel il-________________, u issa quddiem il-forn ________________.
3. Rita kienet tmur il-ħanut biex tixtri l-__________________ tad-dar.

TMIEM IL-KARTA

SKOLA THERESA NUZZO

**EŻAMIJIET ANNWALI 2018**

Marka totali

____

60

**IR-Raba' sena** **MALTI KITBA** **Ħin: siegħa u kwart**

**Karta tal-istudenti**

**Isem:_________________________** **Klassi:___________**

| **Il-Marki** | |
|---|---|
| **Il-Fehem mill-Qari** | **Il-Kitba** |
| | |
| **30 marka** | **30 marka** |

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek, kunjomok u **l-klassi**.
- Qabel tikteb **it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija**.
- Jekk ma tkunx taf xi **tweġiba ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' pruvaha fl-aħħar**.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Qis li ma tħalli xejn barra.

**TAQSIMA A: Il-Qari**

A. Aqra din is-silta dwar l-awtur u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

# Trevor Żahra



Trevor Żahra twieled iż-Żejtun fl-1947. Ta' età żgħira beda jikteb poeżija u stejjer għat-tfal u fl-1971 ippubblika l-ewwel ktieb tiegħu: Il-Pulena tad-Deheb ... avventura għat-tfal. Minn dakinhar 'l hawn kompla jikteb u jippubblika kull sena, u llum bejn kotba ċkejknin għat-

tfal, rumanzi u novelli għall-kbar, huwa ippubblika 'l fuq minn 130 ktieb. Huwa kien għalliem tal-Malti u tal-Arti u għalhekk Żahra jillustra l-kotba tiegħu huwa stess. Rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għal 18-il darba u fl-2004 rċieva l-Medalja għall-Qadi tar-Repubblika bħala rikonoxximent tal-kontribut tiegħu fil-qasam tal-letteratura għat-tfal.

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-artiklu li qrajt.** **(8 marki)**

1. Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**.

| | | |
|---|---|---|
| a. | Trevor Żahra twieled iż-Żejtun. | |
| b. | Ta' età żgħira beda jikteb poeżija u stejjer għat-tfal. | |
| ċ. | Huwa jikteb kotba għat-tfal biss. | |
| d. | Ta' erbgħa u għoxrin sena ippubblika l-ewwel ktieb. | |
| e. | Il-Pulena tad-Deheb huwa wieħed mill-ħafna kotba li kiteb Trevor Zahra. | |

2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa tal-lemin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | In-numru 1971 jinkiteb: | elf disa' mija wieħed u sebgħin. | |
| | | elf disgħa mija wieħed u sebgħin. | |
| | | elf disa' mija wieħed u sebejn. | |
| | | | |
| b. | Trevor rebaħ il-premju nazzjonali tal-ktieb | għoxrin darba. | |
| | | tmintax-il darba. | |
| | | sbatax-il darba. | |
| | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| ċ. | Trevor Zahra kien | għalliem tal-Arti. | |
| | | għalliem tal-Malti u tal-Arti. | |
| | | għalliem tal-Malti u r-Reliġjon. | |



**B. Aqra din l-istorja u rrispondi l-mistoqsijiet.**

## Il-Ġgant u l-Iskarpan



Kien hemm wieħed raġel li kien jivjaġġa minn raħal għal ieħor isewwi xi żarbun, xi sandli u dak kollu li jiġi għal idejh. B'hekk kien idabbar xi ħaġa tal-flus; u dawk li ma jkollhomx flus biex iħallsuh kienu jagħtuh xi ġbejniet friski, xi tiġieġa tajba biex isajjarha jew xi borża frott. U l-iskarpan kien jikkuntenta b'kollox. Ta' kull filgħodu kont tarah bil-ġewlaq tal-għodda f'idu u bl-ikel ġo sorra, sejjer ferħan għal xogħlu; u ma' nżul ix-xemx lura lejn id-dar. ***(Par. 1)***

Biex iqassar it-triq, l-iskarpan kien ta' kull darba jgħaddi minn ġol-bosk. In-nies ma tantx kienet tħobb tersaq 'l hemm għax kienet tgħid li ġol-bosk kien jgħix ġgant kiefer li tgħidx kemm kien iħobb il-laħam tal-bnedmin. Imma l-iskarpan qatt ma kien jinkwieta b'dawn il-qlajjiet. Kien jgħaddas rasu, iħaffef il-pass u jkompli triqtu. Imma lejla waħda waqt li kien sejjer lura lejn id-dar, l-iskarpan ġie wiċċ imb'wiċċ mal-ġgant! ***(Par. 2)***

"X'hemm bniedem?" qallu l-ġgant hekk kif lemħu.
"X'hemm sieħbi ġgant?" wieġbu l-iskarpan. "Int x'taf tagħmel?" staqsieh il-ġgant. "Dak kollu li taf tagħmel int," wieġbu l-iskarpan biex jurih li ma kienx qed jibża' minnu. Il-ġgant infexx jidħak meta sema' lil dak il-bniedem daqs nofsu jgħid li kellu l-ħila jagħmel dak kollu li kien jagħmel hu. ***(Par. 3)***

"Ejja ħa naraw," qallu l-ġgant. "Għandekx saħħa tagħmel hekk..." U mal-kelma l-ġgant refa' ġebla mill-art, għafasha f'idu u ġabha trab. "Dik mhi xejn," tbissem l-iskarpan... u b'ħeffa kbira, bla ma ħalla lill-ġgant jinduna, ħareġ ġbejna friska mill-ġewlaq u tbaxxa mal-art taparsi qed jiġbor ġebla. ***(Par. 4)***

"Hawn ara," qallu r-raġel u minnufih għasar il-ġbejna u beda jqattar minnha l-ilma. Il-ġgant baqa' ċċassat, għax għalkemm kien b'saħħtu ħafna, moħħu xejn ma kien tajjeb. ***(Par. 5)***



"X'waħda din!" qal il-ġgant bejnu u bejn ruħu, dan x'saħħa għandu biex kapaċi joħroġ l-ilma minn daqsxejn ta' ġebla! Imma ma qatax qalbu. Ma riedx jaqa' għaċ-ċajt quddiem dak il- bniedem. ***(Par. 6)***

(*Adattament ta' Trevor Żahra minn Taħt Sema Kwiekeb*)

**1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel (√) fil-kaxxa. (4 x 1= 4 marki)**

a. L-istorja kienet dwar

| | |
|---|---|
| il-ġgant. | |
| Il-ġgant u l-iskarpan. | |
| l-iskarpan. | |

b. Xogħol ir-raġel kien

| | |
|---|---|
| isewwi ż-żraben. | |
| jaħdem fl-injam. | |
| jibni. | |

ċ. Kelma oħra flok "ġewlaq" hija

| | |
|---|---|
| martell. | |
| flixkun. | |
| basket. | |

d. Ir-raġel kien imur għal xogħlu

| | |
|---|---|
| ferħan. | |
| imdejjaq. | |
| ħosbien. | |

**2. Wieġeb b'sentenzi sħaħ.** **(5x2= 10 marki)**

a. Kemm kien idum jaħdem l-iskarpan? *(par.1)*

________________________________________________________

________________________________________________________

b. Għaliex l-iskarpan kien jgħaddi mill-bosk? *(par. 2)*

________________________________________________________

________________________________________________________

ċ. Għaliex in-nies ma tantx kienet tħobb tersaq lejn il-bosk? *(par. 2)*

________________________________________________________

________________________________________________________

d. X'għamel il-ġgant biex juri lill-iskarpan kemm kien b'saħħtu? *(par. 4)*

________________________________________________________

________________________________________________________

e. Għaliex il-ġgant baqa' ċċassat? *(par. 5 u 6)*

________________________________________________________

________________________________________________________

**Ċ. Erġa' aqra t-tieni paragrafu u wara wieġeb kif mitlub. (8 marki)**

Biex iqassar it-triq, l-iskarpan kien ta' kull darba jgħaddi minn ġol-bosk. In-nies ma tantx kienet tħobb tersaq 'l hemm għax kienet tgħid li ġol-bosk kien jgħix ġgant kiefer li tgħidx kemm kien iħobb il-laħam tal-bnedmin. Imma l-ġgant qatt ma kien iħabbel ***rasu*** b'dawn il-qlajjiet. Kien jgħaddas rasu, iħaffef il-pass u jkompli triqtu. Imma lejla waħda waqt li kien sejjer lura lejn id-dar, l-iskarpan ġie wiċċ imb'wiċċ mal-ġgant! ***(Par. 2)***

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sib mis-silta **nom komuni.** | |
| 2. | Sib **pronom mehmuż** għal ***ras tiegħu*.** | |
| 3. | Agħti n-**negattiv** ta' ***tħobb***. | |
| 4. | Sib mis-silta kelma jew frażi li tfisser ***jimxi mgħaġġel***. | |
| 5. | Agħti kelma oħra li tfisser ***bosk***. | |
| 6. | Ikteb il-**femminil** ta' ***rasu***. | |
| 7. | Sib **aġġettiv** minn din is-silta t'hawn fuq. | |
| 8. | Agħti l-mamma tal-verb ***iħaffef.*** | |

**TAQSIMA B – Il-Kitba**

**1. Kitba Qasira** **(10 marki)**

**Ħarġu l-applikazzjonijiet għax-xow tat-talenti fir-raħal tiegħek. Hawn taħt għandek il-formula li trid timla' biex tieħu sehem. Imla l-vojt:**

| | |
|---|---|
| a) Isem u Kunjom: | |
| b) Data tat-Twelid: | |
| ċ) Raħal Twelidek: | |
| d) Skola fejn tattendi: | |
| e) It-Talent tiegħek: | |

**f) Iddeskrivi fil-qosor it-talent tiegħek: (5 sentenzi)**
*(tista' tinkludi fejn tipprattikah, għalfejn jogħġbok, ma' min tagħmlu, fejn tagħmlu, u tixtieqx titgħallem aktar)*

**2. Kitba Kreattiva**

**Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti tajjeb ikteb komponiment ta' mhux inqas minn 100 kelma fuq WIEĦED minn dawn it-titli.**

1. **It-tapit maġiku**
   *(Fejn sibtu? Ma' min kont? X'għamiltu? X'kellu speċjali? X'ġara? Kif spiċċat l-istorja?)*

**<u>jew</u>**

2. **Inċident tat-traffiku**
   *(Fejn kont? Ma' min? Min ħabat? Min weġġa'? Mortu sptar? X'tgħallimt?)*

**<u>jew</u>**

3. **Kont ħdejn il-baħar inħaffer fir-ramel meta sibt**..................
   Ibda l-komponiment b'din is-sentenza u agħti titlu lill-istorja. *(X'sibt? X'għamilt? X'ġara? Kif spiċċat l-istorja?)*



Uża dan l-ispazju biex tikteb xi ideat sabiex tippjana l-istorja tiegħek.

(2 marki)

Ikteb it-titlu li għażilt: ______________________________________________ (18-il marka)

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

-------------- TMIEM --------------

| | | |
|---|---|---|
| Ideat | 5 | |
| Grammatika | 4 | |
| Vokabularju | 5 | |
| Punteġġjatura | 4 | |
| **Total** | | |